**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2019

**Il-Ħamis 28 ta' Frar, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier
Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Mark Causon – Kunsillier **(Dok. 1)**

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

03.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill, li l-Kunsillier Mark Causon talab li jiġi skużat minħabba mpenji personali. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-ittra t'apoloġija. **(Dok. 1)**

03.1.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.1.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/2019.

03.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K7/2019 kif ippreżentati.

03.2.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/2019.

03.3.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K7/2019 kif ippreżentati.

03.3.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0534/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 372/17 (PA 5133/17), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

**46/0535/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 445/17 (PA 2923/17), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

**46/0536/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 281/17 (PA 7277/16), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

**46/0537/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 12/18 (PA 2768/17), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

**46/0538/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 35/18 (PA 4619/17), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

**46/0539/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 80/18 (PA 8286/17), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

**46/0540/19/I** Sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar vis-à-vis Appell 128/18 (PA 9681/17), fejn l-appell tal-Kunsill ġie miċħud.

03.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0534/19/I sa 46/0540/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu nota ta' diversi sentenzi ormai mogħtija fuq din il-materja u a skans ta' aktar spejjeż inutli jiġu rtirati dawk l-appelli fejn hemm applikazzjonijiet identiċi (5547/18, 3922/18 u 3425/18). Dan qiegħed jingħad mhux għaliex il-Kunsill ma kienx, jew m'għadux, konvint minn dak li kien qiegħed jipprova jwassal f'dawn il-proċeduri imma biss peress illi l-prinċipji msemmija fis-sentenzi, għad li l-Kunsill ma jistax jaqbel magħhom, issa huma ben stabbiliti. Fid-dawl ta' dan qed jiġi propost ukoll li l-oġġezzjonijiet li hemm pendenti fuq każijiet simili nkluż appelli ntavolati, għandu jitwaqqaf il-proċess minn naħa tal-Kunsill b'effett immedjat.

03.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0560/19/I** Stima mingħand Mica Med Ltd. għall-installazzjoni ta' distrubuzzjoni tad-dawl inkluż il-materjal kollu li hemm bżonn.

03.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0560/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova tali stima.

03.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0608/19/I** Email mingħand il-promoturi ta' The Grid Obstacle Course Race, jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw l-attività annwali tagħhom nhar l-1 ta' Ġunju 2019.

03.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0608/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni salv li l-organizzaturi jirrispettaw il-kundizzjonijiet tal-Kunsill li saru bħas-sena l-oħra.

03.4.8 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0669/19/I** Email mingħand il-PA fejn infurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-Developing Plannig Fund vis-à-vis l-upgrading tar-roundabout ta' quddiem il-Kunsill ġiet milqugħa u għalhekk il-Kunsill ser jirċievi parti mill-ispiża (€40,292.09)

03.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0669/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jinstalla t-tabella kif mitlub mill-PA.

03.4.11 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0749/19/I** Email mingħand Moviment Graffiti dwar il-proġett tad-DB City Centre fejn skond dak li qed jingħad li ġie diskuss xhur ilu, skond l-eżitu tal-appell, il-pass li jmiss kien li jittieħdu passi legali quddiem il-Qrati, u

għalhekk talab konferma li l-Kunsill Lokali Pembroke jaqbel ma dan il-pass u li ser ikun parteċipi fil-kawża.

03.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0749/19/I** fejn ippropona li din it-talba tiġi milqugħa u l-Kunsill jagħmel dak kollu li hu neċessarju, salv għal meta u jekk il-Kunsill jintalab joħroġ aktar fondi, f'liema eventwalita` tali ċirkostanza tkun teħtieġ deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

03.4.14 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

03.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0754/19/I** Email mingħand residenti minn Blokk 3 Triq Bice Mizzi Vassallo jitolbu li tiġi rranġata l-kumplament tal-bankina ta' quddiemhom minħabba l-iżżomm l'ilma.

03.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0754/19/I** fejn ippropona li tali xogħol isir sabiex il-bankina li ħadem fuqha l-kuntrattur is-sena li għaddiet titkompla u ssir uniformi.

03.4.17 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0758/19/I** Email mingħand ADI f'isem l-ERA fejn qed jitolbu lill-Kunsill biex jiġu identifikata siti fejn tista' issir afforestazzjoni.

03.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0758/19/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jissuġġerixxi li jiġu ikkunsidrata partijiet minn San Patrizju u possibbilment l-akwata ta' Triq Gabriele Henin.

03.4.20 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.22 Is-Sindku Dean Hili ppropona li din is-sena l-attività ta' Ħamis ix-Xirka għandha tinkludi mawra l-wirjiet li jkun hemm Ħal-Luqa u ż-Żejtun.

03.4.23 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 03.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 03/2019** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 01/K7/19 u 03/K7/19 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 04/2019** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 01/K7/18 u 03/K7/19 **(Dok. 3)**

- **Internal Memo 05/2019** - Tindif tal-Uffiċċju tal-Kunsill ref. PLC-K-01-2019 **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 06/2019** - Vakanza ta' Librar/a **(Dok. 5)**
- **Internal Memo 07/2019** - Tindif tal-Uffiċċju tal-Kunsill ref. PLC/K/01/2019 - Bord tal-Għażla **(Dok. 6)**

03.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 03/2019** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.6.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 05/2019 u Internal Memo 07/2019** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Offerti. **(Dok. 6)**

03.6.6 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.6.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.6.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 06/2019** fejn ippropona li l-intervisti għall-ingaġġ ta' librar/a għandhom isiru nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2019 bejn 14:00 u 15:30 fejn ser ikunu preżenti fuq il-bord membri mid-Dipartiment tal-Libreriji.

03.6.9 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.6.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.7 Post vakanti għal-skrivan/a full time fi Skala 15.

03.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li r-rispons kien baxx wisq u mill-lista ta' Jobs Plus kienu applikaw 2 persuni biss, tant l'issa, bl-approvazzjoni ta' Jobs Plus ħarġet sejħa pubblika li ġiet ippubblikata fuq il-ġurnali u l-mezzi soċjali. L-applikazzjonijiet jagħlqu il-Ġimgħa l-1 ta' Marzu u l-intervisti hemm il-ħsieb li jsiru fil-ġimgħat li ġejja, sakemm ma jinħassx il-bżonn li d-data tal-għeluq tiġi estiża.

03.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.8 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

**46/0503/19/I** Email mingħand id-DGL jinfurmaw lill-Kunsill li Ms. Grixti ma tistax tkun nominata Deputat Segretarju Eżekuttiv minħabba li mhux fil-pool.

**46/0555/19/I** Lista mingħand id-DGL dwar il-persuni li hemm fil-pool u li minnhom jista' jintgħażel persuna biex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv.

03.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li fid-dawl li fil-ġimgħat li ġejja għandu jiġi konkluż il-proċess tar-riforma, f'dan l-istadju jkun għaqli li tali deċiżjoni tittieħed wara li l-Kunsill ikun jaf l-eżitu tar-riforma.

03.8.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.9 Proposta ta' lampi fi Triq Tunis u Triq Martin Luther King.

03.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li jiġu ordnata 7 lampi ġodda (5 minnhom inkluż l-arbli) biex jiġu installata fi Triq Tunis u fil-passaġġ li hemm bejn Triq Tunis u Triq Juno, filwaqt li dwar ta' Triq Martin Luther King, il-Kunsill għandu jistenna li jsir ix-xogħol infrastrutturali minn Infrastruttura Malta forsi jiġu nkluża max-xogħol.

03.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

03.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

03.10.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 7, 8 u 9)**

03.10.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

03.10.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

03.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.11 Mozzjonijiet.

03.11.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 03.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:15pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 28 ta' Marzu 2019 fil-5:30pm.

Konfermati, llum 28 ta' Marzu, 2019

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**